# RACIALISM

. . . . . .so odd
as those who choose
a Jewish God,
yet spurn the Jews.

CECIL BROWNE

Ruma, wara Berlin, għajtet bis-saħħa
Li trid issaffi d-demm tat-tajfa tagħha,
Sabiex din tibqa' dejjem bla taħsira
Sħiħa, latina, bint il-għerf u kbira.

Daqqet għalhekk l-aħbar qisha qanpiena:
"Il-Lhud il barra lkoll bla ebda ħniena,"
U l-Lhud imnikkta, mingħajr triq ħanina,
Ħallew il-belt taċ-Ċiviltà Latina.

Issa Ruma qed taħseb sewwa sewwa,
Fuq kliem Berlin, ħabiba minn ta' ġewwa,
Jekk għandhiex tkeċċi barra bħala Lhudi
Lil Kristu wkoll, mija fil-mija Lhudi;

'Ma Ruma mingħajr Kristu ma hix Ruma,
U bih hemm ġew, it-tajfa mhix mirquma.

ĠORĠ PISANI